**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Numru 29**

**Avviz numru 1225/01**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-Daniel Scicluna**

**vs**

**Emanuel Mizzi**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm366.24 (tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ammont li hallset s-socjeta attrici bhala assikurattrici ta' Daniel Scicluna wara incident awtomobilistiku li gara fit-30 ta' Novembru 2000 fi Triq Marsa, Marsa ben il-vettura BAI 383 misjuqa mill-konvenut u l-vettura SEA 975 misjuqa minn Tusea Scicluna.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident de quo.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali mibgħuta fid-data tal-prezentata tal-avviż stess fil-konfront tal-assikuraturi tal-konvenut u imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba kontra l-konvenut li gie ngunt għas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eċċepixxa:

Illi l-konvenut Emanuel Mizzi ma kien bl-ebda mod responsabbli għall-inċident stradali fl-avviż preċitat, stante li għall-inċident "de quo" kienet unikament responsabbli s-sewwieqa tal-vettura SEA 975 minħabba negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess sewwieqa ta' SEA 975.

Sema' ix-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in eżami issuċċediet fi speċi ta' inkroċju. Hija parti ta' triq traffikuża u għalhekk munita b'sinjali ta' preċedenza

ghall-utenti tat-triq kien jindikaw minn ghandhu l-precedenza fis-sewqan minn fejn gej, minn fejn sejjer.

Id-direzzjoni tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici ma kellha l-ebda indikazzjoni ta' improjbizzjoni, ottemperanza jew precedenza li trid tinghata lil vetturi ohra sia fid-direzzjoni opposta sia fl-istess direzzjoni.

Marsa Road tizbokka gol Bypass tal-Marsa. Tisporgi fiha pero' ukoll Race Course Street. Min niezel minn Marsa Road ghandhu precedenza ghal dak li gej minn Triq it-Tigrija kien imur jew Marsa Road jew il-Bypass. Jigi sottomess li bl-indikazzjoni li hemm fuq il-lok tal-incident, semplici access, singolu jew kollettiv, anki se mai bl-intervent pro-attiv tas-socjetajiet assikuratrici rispettivi, kaz semplici bhal dan ma kienx jispicca ghal konkluzjoni tieghu quddiem dan it-Tribunal. Sabiex jigi allevjat il-piz fuq is-sistema gudizzjarja, hemm in-necessita ta' essenzjali ta' koperazzjoni ta' kulhadd ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Il-konvenut, qabel ma hareg, messu zamm a proper look out ta' dak kollu li kien qed jigri quddiemu. Il-vizwali tieghu ma kienet bl-ebda mod ostakolata – kellu suppost vizwali ampja. Il-fatt li l-

vettura l-ohra setghet kienet fil-boghod ma ghandhux jigi sottoffissat li allura l-oneru jigi invers fuq il-parti l-ohra. Id-dritta kienet tispetta lil minn gej minn Marsa Road. Il-konvenut ma kellux ghalfejn jirriskja. It-tabelli u s-sinjali qeghdin appozitament biex jigu osservati. Qeghdin hemm ghal skop – appuntu sabiex kollizzjoni bhal dik odjerna ma tigix kagunata. Dana l-konvenut ma ghamlux u ghalhekk ghandhu jirrispondi ghas-sinistru.

Relattivament ghad-danni, dawn ma gewx kontestati u b'hekk qed jigu konsiderati bhala pruvati.

Ghalhekk it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici jiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-istess incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma' ta' Lm366.24,0 (tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu) in linea ta' danni.

Bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**